**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 4 ta` April 2017**

**Rik. Nru. 912/10 JZM**

**Rikors Gur. Nru. 379/2007 JZM**

**Fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 485/07 fl-ismijiet :**

**Raymond u Mary Grace konjugi Mallia (ID 12460M u ID 329962M), Simon u Kelly konjugi Saliba (ID 451976M u ID 346682M) u Melanie Bugeja (ID 362280M)**

**vs**

**Mansueto Zammit, driver, bin il-mejjet George u Giuseppa nee Attard, imwieled u residenti Qormi (637745M) u martu Maria Carmela Zammit, bint il-mejtin Michael Grech u Giuseppa nee` Cumbo, imwielda u residenti Cumbo (558443M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentaw Mansueto Zammit, kif ukoll George, Stephen, Joseph u Michael ahwa Zammit bhala eredi ta` ommhom Maria Carmela Zammit fl-14 ta` Settembru 2010.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha fl-20 ta` Settembru 2010.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-ezekutanti fl-4 ta` Ottubru 2010.

Semghet is-sottomissjonijiet illi saru fl-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2010.

Rat illi l-procediment thalla ghal provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat :**

Billi jirrizulta illi l-mandat nru 485/2007 fuq riferit baqa` fis-sehh in vista tar-Rik. Gur. Nru. 379/2007 JZM.

Billi r-Rik. Gur. Nru. 379/2007 kien deciz fit-28 ta` Frar 2017.

Billi mis-sentenza ma kienx hemm appell.

Billi meta tqis dak deciz fil-kawza - illum *res judicata* - ma hemmx aktar lok illi tipprovdi ulterjorment dwar ir-rikors tal-14 ta` Settembru 2010 kif dedott.

Billi hija tal-fehma illi ma hemmx aktar skop illi l-mandat jibqa` fis-sehh.

**<u>Provvediment</u>**

**Qegħda tirrevoka l-mandat fl-ismijiet premessi.**

**Spejjez bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**